# SAJF

F'mixjietha, bla ħeda, ma' dwar ix-xemx ommha, (1)
lejn din mejlet rasha fuq fusha, l-art tagħna,
b'hekk naqset id-dalma, b'hekk kotrot is-sħana,
il-jum ittawwal!

Mis-sema, fid-difa, bla sħaba anqas ċkejkna,
li donnu, fil-kħula, bħal mera tal-baħar,
ix-xemx, is-sultana tal-jum, bla tinsatar,
Tiżreġ bla ħniena!

Bħal beraq, li jgħammex l-għajnejn f'lejl tax-xitwa,
il-mewġa li tbewwes ix-xatt u tmur l-ura,
dlonk tleqq b'dawl tad-deheb, li jtiha mitt sura,
Mix-xemx milquta.

U x'ħin ix-xemx tasal biex tinżel fil-baħar,
u tnaqqas il-qawwa tas-sħana w-tad-dija,
iż-żiffa, li tfewweġ ta' kull fil-għaxija,
iġġib il-faraġ!

U meta l-lejl ħiemed ixerred id-dalma,
u d-dinja ma tibqa' bis-sħana tinħema,
il-qamar u l-kwiekeb, fis-safa tas-sema,
jiddu u jpetptu.

W-hawn tara n-nies toħroġ minn darha, ferħana,
tiġġerra, fil-hena tal-lejla sajfija,
tixxerred titfarraġ mal-plajja ramlija,
f'xifer il-baħar!

Idejjaq il-għaraq u l-għomma tħaddilna,
'ma mbierek dak Alla, li jibgħat is-sħana,
li ssajjar il-għeneb wil-frott kollu tagħna
li jhennu 'l-bniedem!

**Dun Pietru Pawl**

(1) Ix-xemx omm l-art, għaliex il-għorrief igħidu li fil-bidu, ix-xemx u l-art kienu biċċa waħda, u din inqatgħet minnha.